**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 52**

**Il-Ħamis 15 ta’ Diċembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta’ Marsaxlokk iltaqa’ fil-binja tal-Kunsill Lokali, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **52.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 52.1.1 | Xejn |
| **52.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 52.2.1 | Elenia Desira ppropóniet u Dr Mary Muscat issekondat bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 51 u ġew approvati b'votazzjoni unannimu fost dawk preżenti. |
| **52.3** | **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 52.3.1 | ***Performance bonus*** |
| 52.3.2 | Il-*Performance Bonus Appriasals* tal-impjegati tal-Kunsill ġie approvat mill-Kunsilliera preżenti unnanimament. |
| 52.3.3 | ***L-Ikla tal-Milied*** |
| 52.3.4 | L-Ikla tal-Milied ser issir nhar il-Ġimgħa 23 ta Diċembru 2022 ġewwa il-Hotel San Antonio Buġibba. Sar qbil unnannimu. |
| 52.3.5 | ***Vettura tal-Community Police.*** |
| 52.3.6 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard informa lil dawk preżenti li qed jiġi propost li l-vettura li kienet inxtrat lil Community Police tingħatalom b'donazzjoni. Il-Kunsill ser jittrasferixxi l-logbook fuq il-Korp tal-Pulizija. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| 52.3.7 | **Ittra mingħand l-accountant preċedenti** |
| | Ittra ta' risposta mingħand l-accountanat preċedenti, wara telefonata li saret lis-Sindku mill-ex accountant fejn din tablet speċifikament li l-ittra tar-risposta li nqrat matul il-laqgħa li seħħet f'Ottubru 2022 tiddaħal fil-minuti tal-llum. Id-Deputat Segreteraju Ezekuttiv qal li ma jsibx oġġezzjoni li dan isir. Għalhekk ser tiddahhal fil minuti tal-lum b'mod inter. Kien hemm qbil unannimu bejn dawk preżenti.<br><br>*Ms Doreen Mintoff*<br><br><br>*Mr Steven Grech*<br>*Kunsill Lokali Marsaxlokk*<br>*2, Triq Victorio Cassar*<br>*Marsaxlokk*<br><br>*14 ta' Ottubru 2022*<br><br>*Għażiż Sindku, Vici Sindku u Kunsilliera,*<br><br>*Qed niktbilkom formalment wara l-punti li ġew imsemmija fuqi fil-laqgħa ta' 24 ta' Awissu 2022. Din l-ittra nitlob biex tiġi moqrijha waqt il-meeting tal kunsill (numru 49) li jmiss u tiġi minuted.*<br>*B' referenza ghal minuta 46.6 fejn hemm mktub li '-Accountant preċedenti kienet tirrifjuta li tattendi* |

| | |
|---|---|
| | *l-laqgħa tal-Kunsill wara li giet mistoqsija kemm il-darba permezz tat- telefone'. Nichad dak li ġie miktub u msemmi fil laqgħa fuq il-bażi msemmija hawn taħt:-*<br>*- Fil-laqgħa tal-kunsill ta' 24 ta' Awissu, li wieħed jista' jerġgħa jismagħha online, s -Segretarju ma semmiex li kien jitlobni biex nattendi ghal laqghat bit-telefone pero fil minuti dahhal 'permezz tat-telefone';*<br>*- Li tattendi l-meetings tal-kunsill jekk ikun rikjest kienet imniżżla fit-tender tiegħi, ghalhekk bħala Segretarju kieku stess veru saqsini biex nattendi għal meetings u jien ma accettajtx messu saqsa b'email u juża l -arma tad-default notice. Għaliex ma ghamilx dan? Mela wieħed għandu ssaqsi jekk hux minnu dak li ntqal fil-laqgħa.*<br>*- Meta d-dipartiment sejjaħ għal laqgħa minħabba d-deficit jien accettajt l -ewwel appuntament, pero meta bgħat lis-Segretarju biex nara li kollox għadu kif ftehmna u biex jindikali fejn il-post, wieġibni – 'In my opinion, there is no need for you to attend, I will handle the meeting. Thank you for your interest'. L-email mehmuża u nsaqsi għaliex ma ridniex?*<br>*- Lil awdituri dejjem wieġibthom, ħlief meta ma kelliex risposta u kellhom isaqsu lil ammistrazzjoni tal-Kunsill.*<br>*B' referenza ghal minuta 46.7, il-handover mhux veru għamilta difficli u kien s-segretarju stess li kkancella l -ewwel appuntament u xi siegħa u nofs wara bgħattli b'avukat biex inkun professjonali. Apparti minnhekk fil-handover ta'27 ta' Lulju 2022 li saqsewni wieġibt. Fuq work practise ta' accountant il-ġdid ma stajtx inwieġeb għax ma nidħolx kif se jaħdem hu mill- handover il-quddiem. Fil-meeting tal- handover ta' 27 ta' Lulju 2022 kont għedtilhom li jridu jaħsbu għal password tas - software tal-pagi u kif ukoll ghal user name. Fit 23 ta' Awissu s-segretarju bghattli email li jien għandi s-sole rights. L- ewwel ħaġa jien lanqas kont naf li għandi s-sole rights għax suppost l-Kunsill kellu jkollu s-sole rights. Apparti minnhekk ħallew kważi erba' gimgħat biex ħasbu għal password u user name u għax kont indisposta fit-23 ġie jgħid li mhux nikkopera. Is-software xtrah s-segretarju, ried jara li kellu r-rights u jaħseb qabel għal password mhux fl-aħħar ħin. Affarijiet importanti hekk mhux issue ta' 'fiducja'. U dan kif kellu fiducja fiha jekk fil-laqgħa qal li dejjem għamiltlu l bsaten fir-roti; kellu ntoppi minn naħa tiegħi from day one u għamilt kruccata kontrih! Naccertakom ukoll li lanqas qatt ma għadditli minn moħħi li kont se inħalli lil xi ħadd bla paga kif qal s-Segretarju. Naqbel miegħu li kullħadd familja għandu, ara hu fil-laqgħa stess qal li żammli l-paga tiegħi waqt li ġiet approvata mill-Kunsill! Xi ħaga oħra f'Lulju li kien l-aħħar xahar tiegħi jien wieġibt kull mistoqsija li kellhom l -awdituri u amminstrazzjoni, fil-waqt li għamilt il-pagi u l-quarter report. Fl-istess ħin, mis-schedule of payments (skeda numru 8 ta' 2022, numru 43) jidher li l-accountant il ġdid ġie appuntat mill – ewwel ta' Lulju għalhekk, il-Kunsill f'Lulju ħallas għal żewġ accountants. Mela l-accountant il-ġdid kellu cans xahar biex isaqsi u mhux kif qal s -segretarju fil-laqgħa tal-Kunsill. Jekk kellu xi mistoqsijiet setgħu ġew indirizzati fil-laqgħa ta' 27 ta Lulju 2022, jien tlaqt x'ħin qalli li m'għandhomx mistoqsijiet iktar. Fuq nota oħra jekk il-Kunsill qabbad accountant bil-warrant u bl-esperjenza mhux suppost għandu jiġi daru mal ħajt kif intqal fil-punt numru 46.7.*<br><br>*Filwaqt li nirraingrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom, nixtieq ngħid li xogħoli dejjem għamiltu sew u dejjem rajt kif għamilt biex ingieb l-informazzjoni halli kollox ikun kif suppost*<br><br>*Grazzi u tislijiet*<br><br>*Doreen Mintoff* |
| **52.3.8** | **Triq it-8 ta' Mejju** |
| 52.3.9 | Is-Sindku Steven Grech informa lil dawk preżenti li l-Gvern xtara biċċa art sabiex din it-triq tinfetaħ u tingħaqad. Mhux ċar meta ħa jsir ix-xogħol. |
| 52.3.10 | Is-Sindku Steven Grech informa lil dawk preżenti li id-dawl tal-*carpark* inqata għax ma tħallasx il-kont. Kif ukoll inżergħu xi pjanti. |
| 52.3.11 | Is-Sindku Steven Grech informa lil dawk preżenti li kellu telefonata ma' persuna fejn intalab li jsir memorjal bl-ismijiet tas-sajjieda li mietu. Sar qbil bejn dawk preżenti li dan isir hdejn ir-roundabout ta' quddiem l-Spar. |

**52.4** **Laqgħa Transport Malta**

52.4.1 Is-Sindku Steven Grech informa lil dawk preżenti li kellu laqgħa Transport Malta mal-Pulizija. Hawn is-sindku ippropona li jsiru tabelli bil-permess mill-Kunsill għall tal-ħwienet u servizzi kollha kif ukoll tabella waħda tal-baħar u tabella waħda mal-bankina.

**VOT**

| **Isem** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| **Steven Grech** | * | |
| **Elenia Desira** | * | |
| **Mary Muscat** | * | |
| **Stephen Caruana** | | * |
| **Daniel Zerafa** | * | |

**Vot għadda 4 favur u 1 kontra.**

52.4.2 Is-Sindku Steven Grech ippropona li jsiru posti biex jinbiegħu il-biljetti għall boat Trips. Isiru wieħed fejn il-Bukkett wieħed fejn Remiġ u ieħor ħdejn il-Carrubia u is-Sur Stephen Caruana żied fil-pjazza. Wara diskussjoni ittieħed vot.

Taqbel li jsiru posti biex jinbigħu il-Biljetti tal-Boat trips? Il-Proposta hi li jsiru 3 jew 4 posti.

**VOT**

| Isem | **3 posti** | **4 posti** |
|---|---|---|
| **Steven Grech** | * | |
| **Elenia Desira** | * | |
| **Mary Muscat** | **Tastjeni** | |
| **Stephen Caruana** | | * |
| **Daniel Zerafa** | * | |

**Vot għadda 3 favur 3 posti 1 favur 4 posti u astensjoni.**

52.4.3 **Fawwara**

Tinda fil Fawwara issir forma ta saqaf tad-drapp jew tal-ħadid kif kienet qabel.

**VOT**

| **Isem** | **Bid-Drapp** | **Ħadid** | **Bit-Tnejn** |
|---|---|---|---|
| **Steven Grech** | | * | |
| **Elenia Desira** | | * | |
| **Mary Muscat** | | * | |
| **Stephen Caruana** | | * | |
| **Daniel Zerafa** | | * | |

**Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti li issir tal ħadid**

<table>
<tr><td>52.5</td><td>Proġett Ground tal-Football.</td></tr>
<tr><td>52.5.1</td><td>Is-Sindku Steven Grech qed jaqbel għax il-proġett iċċekken u jixtieq li jkun hemm dar tal-anzjani. Jifhem li l-club għandu bżonn dħul ta’ finanzi biex ikun sostennibli.</td></tr>
<tr><td>52.5.2</td><td>Elenia Desira esprimit ruħa li mhux favur tiegħu minħabba argumenti ambjentali u għax fuq art ODZ. Taqbel mad-dar tal-anzjani imma mhux hawn.</td></tr>
<tr><td>52.5.3</td><td>Dr. Mary Muscat mhux favur minħabba l-area li qegħda fiha. Hemm diżgwid mal-awtoritajiet dwar l-anzjani. Ser ikun hemm sound and light pollution kontinwu. L-aspett ambjentali huwa ta’ concern fl-opinjoni tagħha</td></tr>
<tr><td>52.5.4</td><td>Is-Sur Stephen Caruana favur tagħha, apparti li mhux ha jidħol fil kriterja tal-għoli tal bini u jħalli dan f’idejn l-Awtorità ta’ l-Ippjanar, hu jħoss li l-anzjani xlukkajri għandhom jibqgħu fil-lokalità u jgawdu l-ambjent tal-port kif dejjem għamlu.</td></tr>
<tr><td>52.5.5</td><td>Is-Sur Daniel Zerafa qal li il-public consultancy dejjem intalab mill-Kunsill u l-Planning qatt ma sar. Il-ground mhux ser ikun full size u size professionali ikun ikkummerċjalizzat iż-żejjed. L-impatt viżwali ser ikun ta’ detrement u l-għoli mhux aċċettabli. Il-punt li ODZ u bla ebda devolution brief approvat. Il-Planning ipposponiet il-laqgħa tal-lum għal darboħra.</td></tr>
<tr><td>52.5.6</td><td>Taqbel mal proġett kif inhu?<br><br>Vot
<table>
<tr><td>Isem</td><td>Iva</td><td>Le</td></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td></td><td>*</td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td></td><td>*</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td></td><td>*</td></tr>
</table>
<br>Vot għadda 3 kontra l-progett kif inhu propost u 2 favur.</td></tr>
<tr><td>52.6</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>52.6.1</td><td>Daniel Zerafa staqsa dwar il-van tal-kommuintà u il-Bandli x’ġara dwarom. Fejn ġie rispost li kienu it-tnejn tħassru il-ftuħ tagħhom, u ser issir l-inawgurazzjoni f’data oħra fil-qrib.</td></tr>
<tr><td>52.7</td><td>Estimi Finanzjarji</td></tr>
<tr><td>52.7.1</td><td>Saret Spjegazzjoni dettaljata mis-Sur Karl Cutajar dwar id-dħul u il-ħruġ tal-Budget għas-sena 2023. Budget deskritt bħala wieħed prudenti u kawt. Budget approvat unanimament bejn dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>52.8</td><td>Planning Authority</td></tr>
<tr><td>52.8.1</td><td>Xejn</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **52.9** | **Kunsiderazzjoni U approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 52.9.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Dr. Mary Muscat issekondat. Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| **52.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 52.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-17.50h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023, fl-16.30h. |

Ikkonfermati, illum 20 ta' Jannar 2023

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*